# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 4**

**Avviz numru 126/01/SM**

**Environmental Management Design & Planning Limited**

**vs**

**Vincent Aquilina and Sons Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u wiehed u tmenin liri u zewg centezmi (LM481.02,0) in konnessjoni ma' xogholijiet ta' kejl deskritti fuq fattura li kopja taghha hija annessa bhala dokument u immarkat bi-ittra "A";**

**Bl-ispejjez ta' l-presenti, ta' l-ittra interpellatorja ta' l-21 ta Settembru, 2000 u ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru 2000 u debitament innotifikata (kopji annessi bhala dokumenti u mmarkati bl-ittri "B" u "C"), u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-fattura (9 ta' Jannar 1999), ilkoll kontra s-socjeta' konvenuta sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ingunzjoni in subizzjoni tas-socjeta' konvenuta;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-30 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**